# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 52

Data tal-laqgħa: 13 ta` Awwissu 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fid-9.00 ta` filgħodu.

### PREŻENTI:
Andre` Grech – Viċi Sindku
Daniel Muscat – Kunsillier
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nutar Ian Spiteri – Sindku

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

Il-Viċi Sindku Andre` Grech ippresjeda l-laqgħa.

## 52.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

52.1.1 Is-SE qrat l-ittra ta` apoloġija tas-Sindku in-Nut. Ian Spiteri talab li jkun skużat peress li jinsab ma jiflaħx. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta` apoloġija.

## 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 51

52.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Wieħed u Ħamsin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

52.2.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 52.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

52.3.1 <u>Para 51.6.1 – Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2018</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-*accountant* ikkonferma li spejjeż hemm inklużi taħt *Hospitality* (3300-3379) huma kollha relatati mal-ħarġiet tal-anzjani. Dawn kellhom jiġu inklużi taħt *Community Expenses* u għalhekk se jirrevedi l-*account.* Din ir-reviżjoni ser tiġi riflessa fir-Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart. F`*Office Hospitality* (3345) hemm inkluż l-ispejjeż relatati mal-uffiċċju bħal ħalib, kafè u spejjeż simili.

52.3.2 <u>Para 51.7.5</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ġabet kwotazzjoni biex jiġu rranġati l-ħsarat li hemm fil-pavimentar li hemm fil-pjazza quddiem il-*bus stop* u madwar it-tappiera li hemm fi Triq Ġuże Bonnici. L-ispiża tammonta għal €472.00 (VAT inkluż). Il-Kunsill unanimament approva li jiġu rranġati l-ħsarat.

## 52.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

52.4.1 Il-Viċi Sindku Andre` Grech qal li ma kellux komunikazzjoni xi jressaq għan-nom tas-Sindku.

## 52.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

52.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 52.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

52.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 52.7 *Textile Recycling Agreement*

52.7.1.1 <u>Servizz ta` ġbir *door-to-door* ta` tessuti wżati</u>
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu il-proposti mibgħuta minn *Malta Textile Recycling* u *Refab Textile Recycling* biex jiġi ffirmat ftehim mall-Kunsill biex jiġi offrut servizz ġdid darba fix-xahar, ta` ġbir *door-to-door* ta` tessuti wżati mingħajr ħlas. Kopja ta` dawn il-proposti ngħatat lill kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

52.7.1.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jiġi ffirmat il-ftehim ta` Refab Textile Recycling għax fl-opinjoni tal-Kunsill, klawsola nru. 5 tal-proposta ta` *Malta Textile Recycling* mhux aċċettabbli. Din il-klawsola tgħid li l-Kunsill ma jindaħalx kif jopera l-kollettur. Il-Kunsill huwa fid-dmir li jagħmel monitoraġġ ta` dak kollu li jkun qed isir fir-

raħal u fl-obbligu li jindaħal meta jkun hemm ilmenti dwar is-servizz .

52.7.1.3 Il-Kunsill qed jipproni li dan is-servizz jibda jingħata kull l-ewwel Tlieta tax-xahar mid-9.00am il`quddiem.

52.7.2.1 <u>Ftehim fuq il-kontenitur tal-ħwejjeġ ta` Wesgħa Profs. Ġuże Aquilina</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li avviċinha l-kuntrattur *Refab Light Blue Partnership* sabiex jiġi ffirmat ftehim għal kontenitur tal-ħwejjeġ li hemm f`Wesgħa Profs. Ġuże Aquilina.

52.7.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jiġi ffirmat dan il-ftehim għax ma kien hemm l-ebda ilment dwar is-servizz offrut kemm ilu fil-lokalita` dan il-kontenitur.

## 52.8 Ġbir ta` Skart Organiku

52.8.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill bil-laqgħa li kellha ma` rappreżentanti tal-WasteServ Malta Ltd. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll il-Kunsillier Joe Galea flimkien ma` rappreżentant tal-Waste Collection Ltd (il-kuntrattur preżenti tal-ġbir tal-iskart imħallat fil-lokalita`).

52.8.2 WasteServ Malta Ltd qed jiltaqgħu mal-Kunsilli Lokali kollha sabiex jiġu nfurmati kif ser taħdem is-sistema ta` Ġbir ta` Skart Organiku. Din is-sistema ser tibda fuq bażi Nazzjonali mill-31 ta` Ottubru 2018. Skart organiku ser jibda jinġabar nhar ta` Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa. Skart riċiklat nhar ta` Tlieta u skart imħallat nhar ta` Ħamis u Sibt. Il-Kunsill jista` jagħżel li nhar ta` Tnejn jinġabar kemm l-iskart organiku, kif ukoll l-iskart imħallat. Il-Kunsill qabel li nhar ta` Tnejn jinġbar skart organiku biss. Dan ser isir bi prova u jekk ikun hemm il-bżonn, il-Kunsill jikkunsidra li nhar ta` Tnejn isir il-ġbir tal-iskart imħallat ukoll.

52.8.3 L-iskart organiku se jinġabar mill-kuntrattur preżenti tal-Kunsill. WasteServ Malta Ltd ser tkun qed tħallas lura l-ispiża tal-ġbir tal-iskart organiku skond ir-rata tal-kuntratt preżenti tal-ġbir ta` skart imħallat.

52.8.4 WasteServ Malta Ltd ser ikunu qed iqassmu reċipjent, boroż bojod u materjal informattiv fir-residenzi kollha tal-lokalita`.

52.8.5 Il-Kunsill jista` jista` jorganizza laqgħa informattiva għar-residenti, fejn rappreżentanti mill-WasteServ Malta Ltd jkunu jistgħu jispjegaw il-proċedura fid-dettall lir-residenti. Il-Kunsill qabel li tiġi organizzata laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill għal ħabta ta` nofs Ottubru.

## 52.9 Skema dwar Restawr ta` Postijiet/Monumenti Storiċi 2018 – Ċirkulari Numru SPI 10/2018

52.9.1 Ġiet innutata Ġirkulari Numru SPI 10/2018 - Skema dwar Restawr ta` Postijiet/Monumenti Storiċi 2018 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

52.9.2 Il-Kunsill unanimament qabel li napplikaw biex tiġi rrestawrata l-istatwa ta` Santa Marija.

52.9.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill lir-Reġjun Ċentru ħatru lill-kumpanija EMCS Ltd biex tipprovdi s-servizz ta` espert estern għal taħriġ, sapport, identifikazzjoni ta` opportunitajiet fil-fondi tal-EU għal proġetti tal-Kunsilli Lokali. Din il-kumpanija tista` tgħin lill-Kunsill sabiex timtela l-formola tal-applikazzjoni għal din l-iskema. Il-Kunsill jista` jagħmel użu ta` dan is-servizz mingħajr ħlas. Il-Kunsill unanimament qabel li jagħmel użu minn dan is-servizz.

## 52.10 Disponiment ta` Assi tal-Kunsill

52.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet skeda għall-approvazzjoni tal-Kunsill li turi lista ta` Assi tal-Kunsill li ser jiġi mneħħi minn fuq l-inventarju.

52.10.2 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jiddisponi mill-assi li jidher fuq il-lista mehmuża billi jiġi mormi.

## 52.11 Jum Ħal Balzan

52.11.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Eċċellenza Tagħha u l-Isqof Awżiljarju jisgħu jattendu nhar il-Ħadd 16 ta` Settembru 2018, għalhekk il-Kunsill unanimament qabel li Jum Ħal Balzan jiġi ċċelebrat dakinhar.

52.11.2 Il-programm għal Jum Ħal Balzan se jkun:

9:00am – Tlugħ tal-bandiera fil-pjazza
9:30am – Ċelebrazzjoni ta` Quddiesa għall-Okkażjoni mill-Mons. Joe Galea Curmi fil-Knisja Parrokkjali ta` Ħal Balzan

Wara l-quddiesa, jkun hemm l-Għotja tal-Premju ta` Ġieħ Ħal Balzan, fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Wara jkun hemm l-Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. L-uffiċċju jiġi inawgurat mill-E.T, il-President ta` Malta, fejn qed tiġi mistiedna tagħmel diskors tal-okkażjoni, u mbierek mill-E.T, l-Isqof Awżiljarju.

Wara se jkun hemm high tea għand Carolinas li jinsab fil-pjazza stess.

52.11.3 Il-Kunsill unanimament qabel li għal din l-attivita` jiġu mistiedna il-President u Segretarju tal-ħames Każini u l-istaff tal-Kunsill bil-*guest*. Il-Kunsill unanimament qabel. L-inviti ser jiġu ppreparati mill-Kunsillier Daniel Muscat Caruana u jintbgħatu permezz ta` *email.*

52.11.4 Il-Kunsill approva wkoll t-*template* tal-plakka tal-inawgurazzjoni. Is-SE se ġġib 3 kwotazzjonijiet u se tmexxi bl-aktar kwotazzjoni rħisa.

## 52.12 Attivita` għal żmien il-Milied

52.12.1 Peress lis-Sindku mhux preżenti għal-laqgħa, din l-attivita` ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

52.12.2 Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana issuġġerixxa li fil-laqgħa li jmiss jiġi diskuss Jum Ħal Balzan tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel.

## 52.13 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

52.13.1.1 <u>Kuntratt tal-Ġbir ta` Skart Imħallat</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li rċeviet *email* mill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart imħallat fejn qed jinforma li l-kumpanija ddeċidiet li ttemm il-kuntratt tagħha li għandha mal-Kunsill minħabba ċirkostanzi mhux previsti. Huma qed jinfurmaw li se jkomplu jagħtu s-servizz sal-31 ta`Awwissu 2018.

52.13.1.2 Is-SE talbet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jiggwida lill-Kunsill dwar kif għandu jipproċedi, peress li l-kuntratt jiskadi fit-30 ta` April 2019. Id-Dipartiment infurma li l-Kunsill jista` jiffirma kuntratt mat-tieni (2) l-irħas offerent minn l-1 ta` Settembru 2018 sat-30 ta` April 2019. Il-kuntratt għandu jkun iffirmat bir-rati li ġew sottomessi mill-offerent meta tefgħa l-offerta.

52.13.1.3 Il-Kunsill unanimament qabel li ssir laqgħa mat-tieni (2) l-irħas offerent, fejn jiġi spjegat is-sitwazzjoni u jinfurmana jekk jaċċetax li joffri s-servizz sat-30 ta` April 2018 bl-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt preżenti.

52.13.2 <u>Talba sabiex issir mera faċċata tal-entratura tal-garaxxijiet</u>
Resident qed jitlob qed jitlob sabiex issir mera faċċata tal-entratura tal-garaxxijiet bin-numru 39 fi Triq il-Papa Alessandru VII sabiex ikunu jistgħu jaraw l-karozzi li jkunu ġejjin. Il-Kunsill qabel li din il-mera għandha ssir għas-spejjeż tas-sidien tal-garaxxijiet u jekk dawn jaqblu il-Kunsill japplika għal permess ma` Transport Malta.

52.13.3 <u>Ċirkulari Numru SPI 7/2018/I – Regolamenti Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (il-GDPR) vis-a-vis id-dettalji ta` ċittadini fil-minuti tal-laqgħat</u>
Ġiet innutata Ċirkulari Numru SPI 7/2018/I – Regolamenti Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (il-GDPR) vis-a-

vis id-dettalji ta` ċittadini fil-minuti tal-laqgħat mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

52.13.4 Il-Ġimgħa Ewropea għat-tnaqqis tal-iskart
Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-WasteServ Malta Ltd dwar il-Ġimgħa Ewropea għat-tnaqqis tal-iskart. Il-Kunsillier Joe Galea ser jiltaqa` ma` rappreżentant biex jiddiskutu l-possibiltajiet ta` kif il-Kunsill jista` jieħu sehem.

52.13.5.1 Ilmenti fuq Triq Idmejda
Resident fi Triq Idmejda qed jilmenta dwar il-problema ta` ilma maħmuġ tal-*main.* Is-SE fakkret li l-*main* ser jinbidel mill-WSC, wara li tinħareġ sejħa għall-offerti. Il-WSC infurmawna lis-sejħa ser tinħareġ dalwaqt.

52.13.5.2 Ir-resident ilmenta wkoll dwar l-istat tat-triq quddiem ir-residenza tiegħu. Ir-resident qal li qed ikollu problemi bil-karozza peress li t-triq niżlet. Il-Kunsill qabel li jsir *patching*.

52.13.6 Ilment fuq bankina quddiem Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Kbira
Resident qed jitlob biex tiġi rranġata l-bankina ta` quddiem Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Kbira peress li għolja ħafna. Il-Kunsill unanimament qabel li jirranġa l-bankina billi jagħmel tarġa man-naħa tal-ħajt.

52.13.7 Talba għal *double yellow lines* fi Triq Santa Marija
Il-Kunsillier Joe Galea infuma lill-Kunsill li hemm bżonn li jsiru *double yellow lines* fi Triq Santa Marija, qabel ma` toħroġ għal Triq Robert Mifsud Bonnici għax qed jipparkjaw il-karozzi fil-parti d-dejqa bil-konsegwenza li jostakolaw l-aċċess tat-triq. Il-Kunsill unanimament qabel li napplikaw għal permess ma` Transport Malta.

52.13.8 Talba sabiex issir mera faċċata ta` residenza fi Triq Santa Marija
Residenta li toqgħod f`dar nru. 18 fi Triq Santa Marija qed titlob li ssir mera faċċata tal-bieb tar-residenza tagħha biex tara karozzi li jkunu ġejjin peress li qed jgħaddu b`veloċita` qawwija viċin ħafna l-bieb tar-residenza. Il-Kunsill m`approvax din it-talba għax fl-opinjoni tiegħu, il-karozzi jinstemgħu ġejjin u hemm għatba qabel ma toħroġ għat-triq, li tevita karozzi jgħaddu eżatt minn mal-bieb.

## 52.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

52.14.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 8/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €23,178.02, li tinkludi l-ammont ta` €127.30 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta` Lulju 2018. Ir-rendikont tal-Petty Cash jinsab mehmuż.

52.14.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Daniel Muscat Caruana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 52.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

52.15.1 Il-laqgħa ntemmet fil-10.00am.

52.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 13 ta` Settembru 2018 fid-9.00am.

Konfermati, illum il-Ħamis, 13 ta` Settembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |